MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 328/2003

**Mark Bugeja ezercenti fil-kummerc taht l-isem ta' Mark's Garage**

**Vs**

**George Muscat**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' erbat elef tmin mija u hamsin Liri Maltin (LM 4,850) rappresentanti il-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi "parts" ta' vetturi lilek mibjugha w ikkunsenjati fuq inkarigu tieghek.

Inti minn issa msejjah in subizzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-21 ta' Mejju, 2003 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante mhux minnu li l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont indikat fl-avviz.

2. Illi kif ser jirrizulta mill-provi u minn ricevuti li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu, l-attur kien thallas minghand il-konvenut ta' kull servizz li kien ippresta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali n-nota presentata mill-istess partijiet u mahlufa u ffirmata mill-konvenut George Muscat (fol 136 tal-istess atti).

**Ikkunsidrat**

Illi, kif jidher mill-istess nota annessa a fol 136 ibid, il-kontendenti kienu ddikjaraw li, f'din il-vertenza ntlahaq ftehim fis-sens li:-

a. Il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija tlieta u sebghin ewro, hamsa u tletin centezmu (€10,773.35).

b. L-ispejjes ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa.

c. L-istess ftehim jigi rkuperat f'sentenza a bazi ta' dak miftiehem.

d. Il-konvenut jammetti t-talba attrici kif specifikat fl-istess nota mahlufa mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici a bazi tan-nota a fol 136 ibid, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza u tikkundanna lill-istes konvenut sabiex jhallas

lill-attur, fil-kwalita’ tieghu premessa, s-somma ta’ ghaxart elef, seba’ mija tlieta u sebghin ewro, hamsa u tletin centezmu (€10,773.35) bl-imghax legali mid-data tallum stess sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes dawn jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------